MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2486/1997/1

**Joseph Aquilina, Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Beni ta' l-Entitajiet Religjuzi Djocezani kollha ta' Malta ghan-nom u fl-interess tal-Knisja tad-Duluri tal-Hamrun, u b' nota tat-18 ta' April 2002 assuma l-atti Vincent E. Ciliberti**
**Vs**
**Louis Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab hekk:

Peress li l-konvenut bil-bini li qed itella' f'Farsons Street Hamrun, invada l-art ta' madwar il-Knisja tad-Duluri li hi proprjeta' ekklesjastika kif spjegat fl-anness rapport tal-Perit Anthony Sammut korredat bil-pjanti relattivi;

U peress li kull tentattiv li sar biex l-affarijiet jigu rrangati bonarjament ma sehhux.

Jghid il-konvenut ghaliex:-

1. M'ghandux jigi dikjarat li fl-izvilupp ta' l-art tieghu f'Farsons Street Hamrun kontigwa ghal Knisja tad-Duluri hu nvada art ekklesjastika kif dettaljatament jinghad fir-rapport tal-Perit Sammut u b'hekk ikkommetta spoll ghad-dannu ta' l-attur nomine;

2. M'ghandux konsegwentement jigi kkundannat jiddemolixxi dak kollu li bena fuq art tal-Knisja u jirripristina kollox ghal status quo ante u dan fiz-zmien li tipprefiggilu l-Qorti taht id-direzzjoni ta' Perit nominand u

3. M'ghandux, in difett, l-attur jigi hu stess awtorizzat jaghmel ix-xogholijiet ta' demolizzjoni u ristrutturazzjoni taht id-direzzjoni ta' l-istess Perit nominand.

Bl-ispejjez. Ghandek tidher ghas-subizzjoni tieghek.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok u in liena preliminari il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi l-Knisja tad-Duluri tal-Hamrun ma ghandhiex personalita guridika sufficjenti biex toqghod in gudizzju;

Fit-tieni lok illi l-azzjoni hija perenta bid-dekadenza tax-xahrejn;

Illi fit-tielet lok il-konvenut ma invada l-ebda proprjeta tal-atturi meta ghamel ix-xoghol in kwistjoni;

Illi fir-raba lok il-konvenut kien in buona fede meta esegwixxa x-xogholijiet u bl-ebda mod ma gie imwaqqaf jew imfixkel fl-esekuzzjoni ta' dawn ix-xogholijiet jew b'mod iehor avzat mill-atturi li huwa kien qed jibni fuq proprjeta taghhom;

Illi l-proprjeta in kwistjoni tispetta lill-konvenut u hu ghamel xoghol biss f'dak li huwa proprjeta tieghu.

Illi l-azzjoni tal-atturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat li fl-udjenza tat-18 ta' Frar 1999 il-konvenut irrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni;
Rat in-nota kongunta prezentata mill-partijiet fit-12 ta' Lulju 2001 [Fol.37];
Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku A&CE Frederick Doublet minnu mahlufa fit-30 ta' April 2002 [Fol.44 et seq.];
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-attur qed isostni li kien hemm invasjoni fil-proprjeta' ekklesjastika da parti tal-konvenut meta dana bena fuq l-art ta' madwar il-Knsija tad-Duluri sitwata f' Farsons Street Hamrun.

Illi permezz ta' nota kongunta prezentata fil-12 ta' Lulju 2001, il-kontendenti waslu ghas-segwenti ftehim f' dawn it-termini: Huma "jaqblu li:-
[1] spoll kien hemm, u l-estensjoni tieghu ghandha tigi stabbilita mill-Perit Tekniku Frederick Doublet li ghandu wkoll jaghti valur ta' l-art ta' l-attur nomine li gie mehuda mill-konvenut bil-bini tieghu.
[2] il-konvenut minn issa jobbliga ruhu li jhallas lill-attur l-ammont hekk stabbilit mill-Perit.
[3] il-partijiet jtolbu li dan il-ftehim jigi nkorporat f' sentenza.

Illi fir-relazzjoni tieghu, il-Perit Tekniku kkonkluda: "[i] li l-konvenut invada l-art tal-atturi fl-ammont ta' circa erba' punt hamsa wiehed hamsa qasab kwadri [4.515 q.k] u dan skond Drg.No.3486-3 annessa; u [ii] il-valur tal-art invaza hija ta' elfejn lira maltin [Lm2,000] [Fol.78].

Illi kif miftiehem bejn il-partijiet dawn ghandhom jirregolaw ruhhom fit-termini tal-imsemmija nota kongunta.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi minn din il-kawza bil-mod segwenti: Tilqa’ l-ewwel talba, stante l-invazjoni u l-ispoll, fl-estensjoni indikata mill-Perit Tekniku ta’ 4.515 qasba kwadra liema art invasa ghandha valur ta’ Lm2,000 kif fuq indikat; u billi r-relazzjoni bejn il-partijiet issa tinsab regolata bil-ftehim minnhom raggjunt u inkorporat fl-imsemmija Nota [Fol.37], tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici. L-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------